# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**
*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**91.** **28 ta' MEJJU 1910.** **IT-TIENI SENA**



FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u 'a' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**


## IL-LOGHOB.

Il proverbju taljan ijgħid :— « *Tra due mali si sceglie il minore,* » igifieri li bejn żeŭġ ħŭejjeġ ħżiena, la ŭaħda min-nhom trid issofriha b'il fors, jakbillec tagħżel l-ankas ŭaħda u dana, barra m'il Gvern tagħna morali u ħanin, jifhmu cull-ħadd. Ħalli infehimcom għala.

Cullħadd jaf li f'Malta jsir logħob ta'l-lottu bl-icreħ u ŭieħed li jintriga minn dan il-logħob sgurani li joħorġu minn Malta f'dana il-logħob ma'l ħamsin elf lira f'is-sena jecc m'hux actar. Igifieri li minn dana il pajjis ċchejchen kiegħda tisvojta dina is-somma collha li minnha ma tarġax tigi l-ura, bħala rebħ actar minn elf jeŭ tnejn f'is-sena; u il cum-plament, igifieri krib il ħamsin elf lira f'is-sena jmorru jħaxcnu but il Gvern Taljan. Dina hi ħsara cbira. u cbira bla tarf għaliex b'il mod il mod kiegħda tfakkar il pajjis, billi jecc joħorġu għaxra disgħa minnhom jibkgħu barra u ŭaħda biss tarġa l-ura.

Issa il Gvern jaf li b'il pulizija li għandu ma jistax ijżomm dana il-logħob billi jsir baxx baxx u għalhecc kiegħed ijħalli dina il pjaga ticber inturtament. Ġa la darba il poplu jrid b'il fors jilgħab, u allavolja hemm il-Ligi u il Pulizija, jibka jilgħab, għala ma jaħsibhiex bħal Gvernijiet oħra biex għal-lankas jagħmel xi gid lill pajjis u lilu in-nifsu ?

Chiecu il Gvern billi jipproibixxi il-logħob chien jasal li jaktgħu chienet tcun ħaġa tajjba u morali ħafna għaliex l-ebda Gvern ma għandu jincoraġġixxi il-logħob; iżda meta b'il-ligi tiegħu m'hux talli ma jaktax il-logħob iżda jterraħ il flus ta' Malta f'but Gvern barrani jidhirli li hi biċċa genn għaliex f'il ħin li jcun kiegħed jiddanneġġja ruħu il pajjis il moralità ma tcun kiegħda tirbaħ xejn.

Mela ġa la darba din hi pjaga li il Gvern b'il-ligi u b'il pulizzija li għandu ma jistax jiccuraha u ma jista katt ijfejjakha billi dana il-logħob ijsir dejjem baxx baxx; u min ijrid jista jicteb Barra u jgib il biljetti bla ma ebda Pulizija tista tintebaħ, hemm bżonn li il Gvern ijbiddel ftit il fehma tiegħu u għallankas la dina il pjaga, għandha b'il fors teżisti, jicseb minnha xi gid għal pajjis billi jħalli il flus jiġru haŭn f'loc li jmorru Barra. Dana jista jagħmlu billi jbiddel il-ligi li hemm u jibda jati il permess li jsiru it-tombli u xi logħob ieħor bħal dan billi jħallsu, per esempju xelin f'il-lira. Cull banda, cull soċjeta li haŭn collha jakblilhom li jagħmlu tombla u jħallsu ta'l permess xi ħaġa; u b'hecc id-drittijiet ta'l permess ijmorru f'il Caxxa ta' Malta u jsiru opri f'il pajjis u il flus ta'l-logħob jibkgħu jiġru minn but għal l-ieħor iżda f'il pajjis; u b'hecc dac il profitt li kiegħed jagħmel il Gvern Taljan m'il-lottu jmur biex ijgħin il baned u soċjetajjiet oħra li jagħmlu gid u jmixxu il kuddiem il pajjis.

Nistħajjilcom tgħiduli :— « Mela inti trid il-logħob, mela inti trid it-taxxi. » Le l-ebda ŭaħda minn daŭn il ħŭejjeġ ma inħobb u ma nixtiek, iżda hemm proverbju għaref ħafna li ijgħid : « *bisogna fare di necessita virtù,* » u ġa la darba ma nistgħux nimpedixxu li ma jsirx logħob, aħjar ijsir għal gid ta'l Baned u is-Soċjetajjiet l-oħra milli għal gid ta'l Gvern Taljan; u ġa la darba il Gvern ma hux ħlief ijgħabbi b'id-drittijiet ta'l-licenza lil min ijbiegħ xi ħaġa anche ta'l acbar ħtieġa aħjar ijŭakka daŭna id-drittijiet fuk min ijgħix jeŭ ijħobb jagħmel il-logħob. Jiena jidhirli li cull Gvern għandu jcun bażat fuk il prattica u m'hux fuk it-teorija, u ġa la darba b'it-teorija ma ŭaslux li ijfejjku dina il pjaga, hemm bżonn

li dina il pjaga minn moħbija jħalliha micxufa ħalli jcun jista jiccuraha aħjar u jsir ankas kerk, u billi is-sensja tintgħata biss il min għandu condotta tajjba jeŭ il min ijcollu xi fini tajjba u daŭc il ħafna li illum kiegħdin jisfidaŭ il-ligi u il ħabs jisparixxu ŭieħidhom u il-logħob jibka jsir biss minn nies galantomi. F'il permess ijcun hemm il condizzjonijiet u b'hecc il pulizija tcun tista tevita cull kerk u cull abbus.

Il Gvern morali tagħna xejn ma jitmeżmeż li jħalli certi nisa jagħmlu il mestier mokżież tagħhom għaliex ra li l-ebda ligi ma tasal biex tevita dina il ħaġa, u allura fehem li hemm bżonn jerħilhom jagħmlu bosta taħt certi condizzjonijiet. Issa naħseb jien li biex dana il Gvern ma jiccontradixxix ruħu għandu jħalli ucoll ijsir il-logħob billi dana meta ma jcunx ta'l azzard hu ŭisk ankas immorali m'il ħŭejjeġ l-oħra; u f'il ħin li fl-eŭŭel mestier ma aħniex ħlief inħallu f'pajjisna il kixx u il mixx ta' Skallija jerdgħu il flus ta'l pajjis; b'il-logħob meta jsir haŭn il pajjis ijcollu gid u b'hecc m'id-deni joħroġ il gid f'il ħin li m'il eŭŭel deni ma joħroġ gid katt. Jeŭ il Gvern biex ijcun morali tasseŭ ijfittex rimedji *assoluti* li jekred il-logħob u il mestier l-ieħor GHAL COLLOX jeŭ jecc jara li dana ma jista jcun katt li jasal fih, bħal ma jħalli dac il mestier tant icreħ u periculus ijħalli il-logħob iccontrollat m'il Pulizija ucoll biex flusna jibkgħu haŭn u jsir xi gid lill Baned u l'is-Soċjetajjiet l-oħra; u b'hecc m'iż-żeŭġ danni incunu għażilna l-ANKAS UIEHED.

Mela kabel intemm dan l-articolu irrid li tifhmu tajjeb xi xtakt ingħid. Jiena ma nixtiekx li nara nies li jaħlu dac li jakilgħu f'il gimgħa f'il logħob, u lankas jogħġobni il-logħob u l-ankas nippretendi li il Gvern għandu jincoraġgixxi il-logħob; nippretendi biss li ġa la darba il Gvern ma jistax jasal b'il mezzi li għandu f'idejh biex jekirdu għal collox għandu *jittollerah* bħal ma jagħmel ma xi mestier mokżież ieħor u jiccontrollah b'ligijiet għaklin u taħt għajnejn il Pulizija.

Jiena ma nixtiekx lankas li nara il Gvern jagħfasna actar b'it-taxxi indiretti għaliex is-sensjiet collha li kiegħed jitlob il Gvern ma humiex ħlief taxxi. Iżda ġa la darba il Gvern ijrid u jista jitlob daŭna is-sensjiet u ħadd ma jista jekaflu, jidhirli li aħjar daŭna il flus li jrid jiġborhom minn fuk il-logħob milli minn fuk il bejgħ ta' ħŭejjeġ ta' ħtieġa. Għaldakstant nitma li il Gvern jistudja ftit dina l-affari u li jseŭŭiha m'il actar fis li jista għal gid ta' cullħadd.

# LA TOBZKUX!!!

Il Gvern sejjer ijseŭŭi il Ligijiet ta'l Pulizija u għalhecc fihom sejjrin jiżdiedu xi ħŭejjeġ u jsiru ħafna tisŭijiet.

L-intelligenti u ħabriechi Onor: Mercieca L. L. D. (li minn chemm ilu Cunsilier tant ħabrec u tant ŭera ħila cbira f'it-tisŭija ta'l-ligijiet li saru) jixtiek ijżid ligi sabiħa ħafna u ta' ħtieġa cbira, iżda li fost xi nies injuranti kanklet contra tiegħu xi ftit ta'l għajdud, igifieri IL-LIGI CONTRA IL BZIEK F'LOCHIJIET PUBBLICI.

Daŭc collha li kraŭ in-«Naħla» m'il bidu tagħha jafu chemm il darba ctibt contra dana il bżiek u li saħansitra ftit ilu arġajt ħakkakt contra dana il vizzju icreħ li jgib ħsara bla tarf; u għalhecc tistgħu taħsbu jecc jiena inhix sejjer nakbeż għal fehma ta'l Onor: Mercieca jeŭ le. Dana is-sinjur patriotta jecc jirnexxilu jgħaddi din il-ligi jcun għamel gid bla tarf lill pajjis, u b'dina il-ligi li jixtiek ŭera li jaf xi ħsara cbira jagħmel dana il bżiek f'il pubblicu u chif f'pajjisi oħra ġa ħasbu għalih biex jekirduh. Ħabib tiegħi li xi gimgħa ilu ŭasal minn New York għarrafni li hemm ligijiet kliel ħafna contra minn jobżok f'il pubblicu u kalli li hemm għal dana in-nukkas m'hux biss jigi imŭaħħal multa seŭŭa iżda jista jigi iccundannat il ħabs ucoll. U ligi bħal din teżisti saħansitra f'Hong-Kong fejn, chif għarrfuni, cull fejn timxi ma tilmaħx ħlief il chitba « *Gentlemen are asked not to spit, others ought not,* » u b'dana għandna nifhmu m'hux biss li hemm ligi contra minn jobżok f'il pubblicu, iżda li billi biex ŭieħed jirrimedja għal dana in-nukkas hecc ta' ħsara, ma ŭaslux b'it-tŭissijiet u bl'avvizi, għal certa classi ta' nies chien hemm bżonn ta'l-ligi. U dana ir-rimedju hemm bżonnu, għaliex ma' dana il bżiek f'it-torok u f'lochijiet oħra pubblici kiegħdin jixxerdu ħafna mardijiet u fostom dic tant kalila ta't-tisi li kiegħda tekred għaxra f'il mija minn nies ta'd-dinja.

Jiena ma irridx nidħol f'il qŭestjoni ta'l galateŭ, igifieri chemm hi ħaġa pastasa u m'hux xierka li ŭieħed meta jmur f'id-dar t'Alla ma tisimgħux ħlief ijnaddaf griezmu u jimla l-irchejjen, jecc m'hux f'in-nofs, b'għadajjar ta' bżiek li jkalleb l-istoncu ta' cull min ijcun hemm, jeŭ biex cull tant xi ħadd jimla ħŭejjġu ucoll. Nisguracom li chiecu xi ħadd minnhom ijmur f'dar ta' bniedem ieħor ma jissugrax jobżoklu fl-art; iżda f'id-dar għażiża t'Alla cullħadd jidhirlu li jista jagħmel dac collu li jrid. Iżda dina hi ħaġa li għandhom jaraŭha il Cappillani u li jmisshom u għandhom id-dritt collhu li jgegħlu lil min jobżok f'il Cnisja li jnaddfu ħalli jatu ftit lezzjonijiet biex dana in-nukkas ma jcomplix ijsir. Iżda il-Ligi għandha tieħu ħsieb dana il bżiek għaliex hu ta' dannu cbir għa's-saħħa billi meta jinxef il microbi collha li jcun fih ijtiru fl-arja u ma'n-nifs jidħlu f'sider in-nies u b'hecc jimbocca it-tisi min ma jcollu l-ebda ħtija. Dana ma hux seŭŭa u hemm bżonn li jinkata jecc m'hux b'is-seŭŭa imkar b'id-dneŭŭa għaliex ħadd ma għandu id-dritt li għa't-trascuragni tiegħu jgħarrak is-saħħa ta' ħaddieħor u jcompli jxerred mardijiet coroħ bħal daŭn. Bħal ma drajtu tnaddfu imnieħircom f'il mactur għala ma tidraŭx tnaddfu grieżimcom ucoll? X'differenza issibu bejn ħaġa u oħra? Ma jidhrilcomx li bħal ma hix ħaġa xierka li tnaddfu mnieħircom bla mactur ma hix lankas ħaġa xierka li tnaddfu grieżmejcom u l-actar meta jcunu morda bla mactur?

Tgħiduli li intom tridu tpejjpu f'it-triek, u jiena ingħidilcom li dana hu nukkas cbir ieħor li hu iccundannat m'il aħjar galatej u l-actar meta jsir fuk trams, fuk laneċ u f'lochijiet oħra fejn ma għandec l-ebda dritt li titfa dac id-duħħan jinten u li jagħmel ħsara f'is-saħħa f'imnifsejn ħaddieħor. Min ijrid jixxala f'daŭna il pjaciri baxxi u dannusi għandu jagħmlu f'daru u hemm ucoll jista jbeżżak chemm ijrid għaliex hemm ijgarrab hu il ħsara li joħlok. F'pajjisi oħra jużaŭ sputaturi żgħar f'il but, u haŭna jecc tgħaddi dina il-ligi tant ta' ħtieġa li jrid l-Onor: Mercieca, hemm bżonn li jsiru f'it-torok sputaturi pubblici li jcunu mimlija cull jum bl-ilma bl-acidu carbolicu ħalli min ijcun għaddejj u jcun ijrid jobżok ijcun jista jobżok fihom ħalli il bżiek ma jagħmel l-ebda ħsara. Bħal ma hemm il W. C. hemm bżonn ucoll li jinħolku daŭna l-isputaturi pubblici għaliex daŭna huma ta' ħtieġa cbira għa's-saħħa ta' cullħadd. B'dana ucoll aħna incunu imxejna pass il kuddiem sabiħ f'iċ-civiltà tagħna u nitma ucoll li jnakkas ħafna it-tipjip li hu ŭieħed m'il vizzji l-actar mokżieża u ta' dannu li setgħu jinbtu fost il ħafna draŭŭiet ħżiena li bihom iċċappas il bniedem.

Għalhecc, billi hu dmir ta'l Gvern li jħares is-saħħa ta'l pubblicu nitma li dina il proposta ta'l Onor: Mercieca jilkagħha b'il ferħa u li il Cunsilieri l-oħra, tant ta'l Gvern chemm ucoll ta'l poplu, billi jafu id-dannu li jista jġib dana il bżiek f'il pubblicu, jivvotaŭ favur ta' dina il proposta tant sabiħa u ta' gid għal pajjis.

Dina il-ligi ma toikotx il min hu educat u jaf li fi cnisja, f'teatru, fi triek ma għandux jokgħod ijbeżżak, dina il-ligi ma timpedix il min ijrid jobżok li juża mactur bħal ma juża għal imnieħru; dina il ligi biss tgħacces il daŭc collha li għal cumdità tagħhom biex ma jagħmlux ftit attenzjoni jeŭ ijħammġu mactur jimleŭ cull fejn ijmorru b'il porcherija u jxerrdu il microbi ta'l mardijiet li jcollhom f'sidirhom.

Mela il-ligi li jrid ijdaħħal l-Onor Mercieca ma hix biss ligi favur ta's-saħħa (u għalhecc ta' gid għal cullħadd) iżda ucoll pass lejn iċ-civiltà u lejn il progress li għalih popoli oħra kiegħdin jagħmlu ligijiet u sacrifiċċji ŭisk acbar; u għalhecc nitma li tgħaddi m'il actar fis.

## FRAC.

Fuk l-affari ta'l bżiek f'il pubblicu irrid ingħid chelma lill proprietarji ta'ċ-cinematografi li jecc jisimgħuha tcun ta' gid għalihom u għal pubblicu ucoll, igifieri li ma jħallux min ijpejjep u jbeżżak f'iċ-cinematografi tagħhom. Dana ħadd ma għandu id-dritt jagħmlu u il proprietarju għandu id-dritt anzi id-dmir li jħalli il xi ħadd għassa biex jecc jara il xi ħadd kiegħed ijpejjep ma jħallihx u li jecc jara il xi ħadd jobżok ijŭiddbu u jroxx ftit trab ta'l carbolic fuk il beżka.

Dana it-tipjip kiegħed ijgherrxilhom ħafna nisa u xi irgiel ucoll għaliex ħafna huma daŭc li it-tipjip jagħmlilhom id-deni u ħadd ma jieħu gost meta jmur biex ijgħaddi siegħa ħin li jokgħod fgat f'dic il foga ta' tipjip tinten u li tagħmel deni cbir għa's-saħħa għal capriċċ ta' ftit nies. Jiena m'il cliem li nisma nista nisgurahom li jecc jagħmlu hecc jiżdiedu ħafna familji f'iċ-Cinematografi u jcun kiegħed ijsir ħafna gid f'is-saħħa ta' cullħadd.

Nitolbu għa'r-ruħ ta's-**Sinjurina Carmela Psayla**, oħt is-Sur Epifanju ta' Ħal Kormi, li ħalliet dana il ŭied ta'd-dmugħ f'it-22 ta' dana ix-xahar ŭara marda kasira ħafna. Dina ix-xebba chienet maħbuba ŭisk għal tjubitha u għal l-imgieba tajjba tagħha.

Malta collha xegħlet ħuġġieġa ŭaħda fuk ir-*referendum* ta'l Onor: Ciccu Azzopardi P. L. Jiena ma jidhirlix li hemm ŭieħed għal fejn jagħmel dina il frattarija collha fuk ħaġa ta' xejn bħal din u jidher li il għagħa il cbira kiegħed jagħmilha min jokorsu u min hu ħalku imlebleb biex jitla fuk is-siġġu ta'l bellus f'locu. Is-Sur Cicc għandu id-dritt collu li jara chif jifmuha xi eletturi fuk il qŭestjoni tant imħaŭŭda ta'l pajjis u dana id-dritt ħadd ma jista jiccontrastahulu. Biss is-Sur Cicc għandu il sħabu il Cunsulieri u fosthom hemm min jisŭa b'iż-żejjed biex jati parir billi jaf chif inhi imgħassda il borma seŭŭa, u jecc il fehma ta' daŭna ma hix b'iż-żejjed għalih hemm il Cunsill Popolari li ħalku hu stess u li fih bosta nies intelligenti u li jifhmu biex jatuh parir. Jecc ma jfittexx il Cunsill Popolari f'gażiba bħal din meta triduh ijfittxu? Ma daŭna cont nisma l-istampa u il daŭc collha li għad li ma humiex f'il politica iżda chienu u jifhmu u ŭara cont nagħmel *meeting* biex nieħu il fehma ta'l elettorat collu u cont nimxi fuk il fehma ta'l cotra il cbira biex ir-responsabbilità ta' dana il pass gravi tcun fuk spallejn ħafna u m'hux tiegħu biss. Dana għadu jista jagħmlu u hemm bżonn li jagħmlu m'il actar fis ħalli ma nibkgħux imdendlin actar bejn sema u ilma f'dina il posizzjoni cherha li aħna, ħalli jecc il fehma ta'l cotra intelligenti hi li ma għandhomx jibkgħu jakilgħu fuk ħalkhom iżda jitilku, jieħu dana il pass m'il actar fis ħalli ix-xeŭŭiexa ta'l poplu ma jcomplux jonfħu f'in-nar biex jiġbduh lejn ix-xaŭŭata tagħhom billi jgħidu li il Cunsilieri ma jridux jinżlu min hemm fuk għax jakblilhom. Hemm bżonn li jiddecidu u li jibkgħu għalenija ħalli ma jatux gost lill Gvern u ħalli il poplu ma jinkasamx f'ħafna partiti għaliex dana jagħmlilna ħsara bla tarf. L-isbaħ dac li għandna nirgħnu inbigħuh, għaliex chemm sejjer ijdum il Gvern ijgħaddi iż-żmien bina?

# Aħbarijiet ta' Barra.

**Is-sitt Congress ta'l Esperanto** dina is-sena sejjer ijsir f'Washington, fl-Istati Uniti ta'l America, u billi kiegħdin ijħejju ħŭejjeġ cbar nitma li jirnexxi gŭapp tasseŭ. Jispiċċa f'il-20 ta' Aŭŭissu li gejj. F'Parigi, xi xahar ilu, sar l-eŭŭel Congress ta'l Cattolici Esperantisti u m'hux biss irnexxa ħafna iżda ħadu sehem fih sa Iskfijiet ucoll. F'Firenze sar l-eŭŭel Congress Esperantista bejn it-Taljani; fi Bruges, f'il 15 ta' dana, sar it-tieni Congress ta'l Esperantisti ta'l Belġju, u f'dana ix-xahar ucoll sejjer ijsir it-tielet Congress ta'l Esperantisti Ingliżi f'Cheltenham, ŭaħda m'il actar bliet aristocratici ta'l Inghilterra. Il gazzetti esperantisti scorreŭ il mija u hemm ħafna minnhom illustrati sbiħ tasseŭ. Dana juri li l-Esperanto f'loc li jmut hu dejjem miexi il kuddiem għad li haŭn f'Malta ħemed għal collox. L-*Ido* miexi tajjeb ħafna ucoll billi ġa laħħak għaxar gazzetti u fl-Accademja li saret hemm nies bħal Ostwald, Jespersen, Couturat, Beaufront u oħrajn li huma fost l-akŭa lingŭisti ta'd-dinja. L'*Esperanto* u l-*Ido* huma tista tgħid l-istess ħaġa biss fl-*Ido* hemm irriformati daŭc il ħŭejjeġ collha li ma intgħoġbux fl-Esperanto.

**L-Italja**, f'it-8 ta' dana ix-xahar, tilfet tnejn m'il akŭa letterati li chellha—G'LORMU ROVETTA u VITTORJA-AGANOOR-POMPILJ. L-eŭŭel ŭieħed chien romanzier m'il cbar u ħalla ŭarajh l-imfaħħar romanz: « MATER DOLOROSA » li għad ijdum jissemma għal ħafna żmien. Chiteb ucoll xi drammi, fosthom « ROMANTICISMO » li intgħoġbu ŭisk ucoll. Miet f'dakka.

L-oħra chienet l-akŭa poetessa li chellha ħajja l-Italja u gie li faħħarha sa Carducci stess li ma tantx chien ijfaħħar chif gieb u laħak. Chien għallimha il famus poeta Zanella, u il LEGGENDA ETERNA tagħha għad tibka ħajja ŭarajha għal żmien tŭil. Dina chienet iżżeŭŭget ma'd-Deputat f'il Parlament Pompilj u li chien Sotto-Segretarju ta'l Esteri ucoll u bniedem ta' intelligenza cbira. Dana il Vittorja ħabbha bla tarf, u dan l-aħħar, meta mietet fi Sptar f'Ruma, ŭara operazzjoni li għamlulha, għela tant li ŭara li chiteb li jrid jindifen fl-istess kabar ma' martu, spara għal ingħasu fl-isptar stess u baka mejjet. Dana hu fatt li jchexchex u fl-istess ħin li jgegħilna nitfarrġu li għad haŭn bniedmin ta' kalb cbira li jafu jħobbu tasseŭ.

Inzertaŭ tant Rovetta chemm ucoll Aganoor it-tnejn Venezjani.

**Il funerali ta'r-Re Edŭardu** chienu famusi tasseŭ u fukhom għad nitchellmu il kuddiem.

# Il Chittieba b'il Malti.

## G. A. VASSALLO.

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

Fuk il Prof: Vassallo bħala chittieb ta'l Istorja jixrak li ngħidu xi chelma ucoll u li natuh it-tifħir li ħakku. Li-Storia di Malta, b'it-taljan, ħariġha fl-1854 u fiha ctieb imsaŭŭar seŭŭa ta' 834 faċċata. Dina raġa stampaha ŭara l-Editur Muscat ta' Strada Mercanti, u hi magħduda minn cull-ħadd bħala l-akŭa xogħol li katt chiteb, u għaldakstant il Prof: Vassallo barra milli chien letterat u poeta nistgħu ingħodduh ucoll fost l-aħjar storici tagħna.

Barra minn dina chiteb ucoll ħafna biografiji sbiħ ta' ħafna nies imsemmija maltin f'il gazzetta l-Arte, li chienet ŭaħda fost l-aħjar li katt dehru fostna u li chienu jictbuha hu u il Prof: Nicol Zammit li chien ucoll ŭaħda m'il irjus quadri li chellna f'dac iż-żmien. Dina il gazzetta ma chellhiex ħajja tŭila ŭisk billi tŭieldet fl-1863 u mietet tliet snin ŭara fl-1866.

Xogħol sabiħ ieħor tiegħu hi l-istorja li chiteb *Wignacourt* fli-Strenna ta'l 1862 u li ħadet fuk il mitt faċċata u li fiha ŭera chemm chien jaf jimmaniġġa tajjeb l-ilsien taljan u li is-Sur P. Cesareo sejjħilha « *uno dei lavori più belli del defunto.* » Ftit kabel chien chiteb raccont ieħor « *Ingŭanez.* » li deher fi strenna oħra u li hu ta minn jakrah ucoll. Fost il poesiji b'it-taljan li chiteb huma ta' min ijfaħħarhom daŭn: *Elia ed i falsi profeti*; *La Conversione di Malta al Cristianesimo; A. S. Lorenzo*; u bosta oħrajn li dehru fl-*Arte*, f'xi *Strenne*, volanti f'il festi jeŭ merfugħin f'il Biblioteca.

Miet f'it-28 ta' Marzu 1868 f'id-disgħa ta' f'il għaxija; u għa't-telfa tiegħu nistgħu ingħidu ma'l Macchiavelli :— « *non si può ricordare senza lacrime la perdita di chi era dotato di quelle parti le quali in un buon amico, dagli amici, in un cittadino dalla patria, si possono desiderare.* » Gie midfun l-agħda f'il Cnisja ta'l Carmnu ta'l Belt, fejn b'turija ta' imħabba u kima marru ŭassluh ħafna nies imniccta, merfugħ fuk l-ispallejn m'il istudenti.

Fl-4 ta' April, f'il Cnisja ta' Giesu, saritlu kuddiesa solenni b'il musica ta's-Surmast Dr: Paŭlu Nani u bl-artisti ta't-teatru. Chellu ŭieħed u ħamsin sena biss!

Faccru meŭtu il Prof: Zammit, Dun Ġużepp Zammit (Brighella), il Prof: Howard, il poeta siracusan Giaracà, il Prof: Corleo u is-Surmast P. Cesareo b'poesiji u chitba oħra m'il isbaħ b'it-taljan, bl-ingliż u b'il-latin u dana compla ŭera chemm tasseŭ chien miġjub u maħbub minn cullħadd dana il chittieb tagħna—il Prof: Vassallo.

(*Jissoctaŭ.*)

# EDUARDU SEBGHA.

Jidhirli li hi ħaġa xierka ħafna u li il karrejja collha tagħna jilkgħuha b'il ferħa li aħna ingibu, f'it-tul, il ħajja ta'l maħbub u mibchi Sultan tagħna, EDŬARDU SEBGHA u li ma inħallicomx biss b'dac il ftit li deher f'in-« Naħla » ta' ftit ġmiegħi ilu. Dana chien Sultan cbir u li ħabb dejjem il paci u għalhecc it-tifchira tiegħu minn ġo nofsna ma għandhiex tintesa fi żmien kasir.

EDŬARDU SEBGHA tŭieled, f'Buckingham Palace, f Londra, f'id-disgħa ta' Novembru 1841, li ħabat nhar ta' Tlieta, f'il għodu, f'il għaxra u 48 minuta, u l-Ingliżi collha intleŭ b'ferħ li ma bħalu bħal ma issa jinsabu imniecta u imbicchija. Malli tŭieled taŭh daŭn it-titoli: Duca ta' Cornwall, Princep ta' Saxe Coburg u ta' Gota, Duca ta's-Sassonja, Princep ta' Galles, Conti ta' Chester, Duca ta' Rothsay, Conti ta' Carrick, Baruni ta' Renfrew, Princep, High Steward u Lord ta'l Gzejjer.

★

Il magħmudija tiegħu chienet xi ħaġa sabiħa tasseŭ, u saret f'il Cappella ta' San Ġorġ fejn, żmien kabel, chienu għammdu l'is-Sultan Edŭardu Tlieta, f'il 25 ta' Jannar. Kabel chienu jgħammdu f'is-Sŭali ta'l Palazz Reali. Libbsuh libsa famusa ta'l bizzilla Honiton u jgħidu li ma bechiex. Bl-istess libsa tgħammed ŭara is-Sultan Ġorġ li għandna issa. L-ilma li tefgħulu fuk rasu giebuh apposta m'ix-xmara ta'l Ġordan, fejn S. Ġŭann għammed il Cristu. Sir George Elvey chiteb cor b'il musica biex jitcanta f'il magħmudija iżda ma sarx u tcanta il cor ta'l *allelulja*. Il parrinu principali chien is-Sultan Federicu Gulielmu ta'l Prussja, u fost il parrinijiet l-oħra chien hemm id-Duca ta' Cambridge, id-Duchessa ta' Saxe-Coburgu, id-Duchessa ta' Saxe-Gotha, il Principessa Sofija u il Princep Ferdinandu ta' Saxe-Coburgu. Ismijiet ma taŭhx ħlief tnejn Albertu, għal missieru, u Eduardu, għal nannuh, id-Duca ta' Kent. Ŭara li spiċċat il magħmudija xorbu b'is-saħħa ta's-Sultan li tŭieled u għal dina il ħaġa daħħlu coppa ta'l fidda li chienet tasa barmil sħiħ claret m'il ifjen u m'il ekdem. F'it-3 ta' Frar ta's-sena ta' ŭara ir-Regina Vittorja tchellmet f'il Parlament fejn ħabbret il ħena cbir tagħha għa't-tifel li tŭieldilha u fejn iżżiethajr lill poplu collu ta' ferħ u l-imħabba cbira li ŭera lejha f'dac it-tŭielid.

★

Is-snien sa tellagħhom ħabbtuh xi ftit iżda tfulitu għaddieha dejjem ħienja u mimli b'is-saħħa. Chienu dejjem jieħduh Brighton, f'xatt il baħar, jeŭ f'il campanja ta' Claremont biex jatuh arja tajjba u m'il erba snin il fuk chien ijkatta ħajjtu f'Osborne. In-*nurse* tiegħu chienet Mrs: Hall, li chien ijħobbha ŭisk u li baka jsejjħilha « *dear old May.* » sa chemm mietet fl-1888, ta' disgħa u sebgħin sena. Edŭardu katt ma chien ijmur f'Windsor, fejn chienet tokgħod, jecc ma chienx jmur jaraha u spiss jieħdilha xi rigal sabiħ. Biċċa cbira minn tfulitu kattagħha f'il Gżira ta' Wight, loc li baka dejjem ijħobbu sa miet. Missieru chien ijħobbu ŭisk, u hu chien il benjamin tiegħu u għalhecc chien dejjem jiġri ma' sakajh.

★

Fl-1846 ħaduh b'il jott f'Falmouth biex juruh in-nies ta' Cornwall u ta'l Galles. Il jott *Victoria and Albert* tala f'ix-xmara Truro, u eluf ta' nies kagħdu fuk ix-xtut biex jaraŭ il Princep Edŭardu. Ir-Regina Vittoria ħaditu bejn idejha u bdiet turihulhom kalb l-għajjat ta' ferħ u it-tfakkiegħ ta'l idejn. Is-sena ta' ŭara ħaduh l-Iscozja, fejn ferħu bih ħafna ucoll. L-eŭŭel « *governess* » tiegħu chienet Sara Lady Lyttelton u Edŭardu dam taħt idejha sa'l 1849 meta daħal bħala « *tutur* » tiegħu Mr: Henry Birch, Fellow ta'l King's College ta' Eton, Cambridge, u ŭara dana beda jgħallmu ucoll l-Avucat Gibbs sa'l 1858, meta daħal f'locu il Canoncu Tarvar li chien ucoll il Cappillan tiegħu. Dana mar miegħu meta, biex jitħarreġ, ħaduh Ruma, Spanja u f'il Portugall; u mar miegħu ucoll f'Edinburgu. Ŭara dana daħal, fl-1859, Mr: H. W. Fisher u biex ijgħallmu fuk ħŭejjeġ ta' Reliġjon indaħal id-Decan Wellesley ta' Windsor.

Biex ijcun jista jaf seŭŭa is-saltna li fukha xi darba chellu jaħchem bdeŭ ijgerruh minn banda għal l-oħra ta'l Gran Brettanja. F'aŭŭissu 1849 ħaduh l-Irlanda, fejn chien milkugħ f'ferħ u b'festi cbar li damu għal bosta ġranet; u haŭn taŭh it-titlu ta' Conti ta' Dublinu.

Minn tfulitu ir-Regina Vittorja bdiet tchissru biex jakdi id-dmir tkil tiegħu ta' Sultan. F'Ottubru 1849, ir-Regina chellha tiftah il Coal Exchange ġdida iżda kabditha il ħosba u ma setgħetx. Għaldakstant f locha bagħtet il Princep Edŭardu ma'l principessa oħtu u il poplu feraħ bihom bla tarf.

L-eŭŭel darba li siefer barra m'il Inghilterra chien f'Aŭŭissu ta'l 1850 u ħaduh f'Ostenda, belt f'il Belġju, li hi xi sitt siegħat safar minn Londra. Fl-istess sena ħaduh f'Holyrood. Meta infetħet il cbira Esposizzjoni ta' Hyde Park, fl-1851, chien hemm ucoll. Fl-istess sena ħaduh f'Liverpool u f'Manchester, Fl-1853 Edŭardu m'hux biss ħa l-iscarlatina iżda ricchibha lill familja reali collha, b'ommu u b'missieru b'collox. Is-Slaten li dic il ħabta chienu marru jżuruhom ricbu il marda ucoll u xerrduha ma'l familji reali ta' ħafna pajjisi ta'l Eŭropa. Fl-1853 ħaduh jara il famusa rivista navali li saret fi Spithead. Għad li dina ir-rivista giet magħduda bħal l-acbar ŭaħda ta' dac iż-żmien il frejgati u il vapuri collha li chien hemm ma chienux ijlaħħku b'collox actar minn għaxar t'elef *horse-power*; forza li illum tŭassalha ŭaħda m'il *cruisers* li għandha l-Inghilterra biex ma insemmux id-*Dreadnoughts* li jlaħħku id-doppju. Daŭna chellhom tunullaġġ, flimchien, ta' erbgħa u erbgħin elf, li illum ijŭassluh tliet frejgati biss; l-akŭa canun li chien hemm chien jitfa balla ta' 84 libbra fil ħin li l-akŭa canuni ta'l-lum jitfgħu balal li jiżnu 850. Il Flotta ingliża ferħet bih ŭisk, u ferħet bih ħafna l-Armata ucoll meta, f'is-sena ta' ŭara, mar jatiha l-*addio* kabel telket għal gŭerra ta'l Crimea. Ir-Regina chienet hemm ucoll bl-erba uliedha. Il Princep Edŭardu u huh il Princep Arturu, chellhom jidħlu fl-Armata, u il Princpijiet ħuthom l-oħra Leopoldu u Alfredu chellhom jidħlu f'il Flotta.

(*Jissocta*).

★

# Għa'n - Nisa.

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

IBŻGĦU UCOLL M'IR-RAGEL GARRIER bħal bart ta' Jannar. Il garr hu marda bħa! għejra u jrid jeŭ ma jridx min ijcun marid bihom ijdejjak, ijmarrad, jimmarsottla, il cull min jersak lejh u aħseb u ara il min ijrid ijkatta ħajjtu, lejl u nhar miegħu. « *L'uomo brontolone ha l'amaro in bocca e conviene che sputi. Se gli metti dello zucchero in bocca, anche lo zucchero diviene tossico; perchè il suo amaro è come quello del chinino, che è profondo ed è eterno* » (M). Għalhecc, ja xbejbiet, nitlob l-Aila li jħariscom dejjem minn ragel b'il fŭied marid għaliex tinxtŭeŭ b'martirju kalil daks dac ta'l infern. F'cull pass li tati, għal cull nifs li tieħu, għal cull għajta li jgħajjtu it-tfal, għall cull cumpliment li tagħmillu, għal cull ħaġa ta' xejn li tonksu billi tcun aljenata, jecc toħroġ, jecc tokgħod ftit żdingata, jecc tchellem il xi ħadd bi ftit ħleŭŭa jeŭ ftit żorr, fi ftit cliem imkar jecc tagħmillu l-ilma jisfen dejjem għandu x'ijgħid, dejjem jibda jdaŭŭar il misħuta raddiena ta'l ħalġ ta't-tghemghim sa jiecolloc biha kalbec, sa chemm jimlielec fommoc bl-imrar u għajnejc b'id-dmugħ, sa chemm tħoss li aħjar cont irsira ħażina u tilgħak it-trab ta'l art milli tgħum f'ix-xaba u b'dac il pittma imdendel ma' għonkoc... u sa'l meŭt. Meta taħbtu difircom ma' għarus minn d'ir-razza ibagħtuh jiccura fŭiedu !

★

Pjaga oħra f'iż-żŭieġ hi ix-XEĦĦA ta'r-ragel, għaliex dina ticber ma's-snin u tŭasslec f'marsuttil. U ara li ma tit-karrakx għaliex meta jcun għarus taraħ jiftaħ idejh miegħec b'xi rigali, għaliex l-għerusija hu iż-żmien li fih l-imħabba jeŭ in-negozju ijgegħlu il bniedem juri ħafna ħŭejjeġ b'oħra. Iftaħ ŭidnejc u berrak għajnejc meta jcun jitħaddet fuk il flus ħalli tara ftit b'liema ħeġġa jsemmihom u ati dakka ta' għajn lejn ħajjtu biex tara chif chien jonfok flusu. « *Ciò che è l'essere amato per chi ama è il denaro per chi è avaro* » (M); u għalhecc bħal ma tintebħu malajr li ragel jeŭ mara jħobbu il xi ħadd m'il mod, u il-leħen li bih ijsemmu il minn ijħobbu, hecc jinkabad bniedem li hu xħiħ m'il mod li bih jitchellem u jsemmi il flus. Ibda biex tara jecc għandecx il gid, u jecc kabel ħabbatx il bieb ta' min għandu il gid biex jitħallat magħhom u dina tcun actarx għalic l-eŭŭel turija li ix-xeħħa u ir-regħba gibduh lejc u m'hux l-imħabba u il grazzja. Iflih tajjeb ucoll meta jdaħħal u meta joħroġ imkar sold m'il but; u it-tibdil ta' ŭiċċu juric jecc il flus ijgħożżhomx bħala *mezz* biex ijgħix, jeŭ bħala *scop* ta' ħajjtu u li biss fihom ijsib il ħena ta' dina id-dinja. Jecc hu hecc ma għandecx xi tridu għaliex ijcun ijħobb il flus actar minnec u l-imħabba ta'l flus hi kalila ŭisk, u jgegħlec tkatta miegħu ħajja l-actar mischina bla ma tiecol sa tixba, bla ma tista titfa ċarruta fukec, bla ma tista tonfok chif trid sold bla ma tisma i' priedca ta't-tghemghim u il gdiedem li jdumu il granet biex ijseŭŭbulec bħal toscu fin, fin f'kalbec li jmarrdec.

Tchellem miegħu fuk xi ħabib tiegħu li sejjer jiżżeŭŭeġ xbejba sabiħa, intelligenti, ta' darha, educata. « U iva » jŭiegbec, » sejjer jagħmel negozju ta' Ġaħan, ma għandhiex cruċ fukhiex taħlef, chif taraha ictibha għa'x ta' fukha senduka. » Tchellem miegħu fuk ŭieħed li ħa *tern secc* lottu, u malajr ijgħidlec « Għajb li ma kiegħedx miegħu *ambu* ucoll, » u hecc f'cull fejn jidħlu il flus... igifieri f'cull pass ta'l ħajja. Lilec meta tiżżeŭŭġu jibda jiżnec fl-istess miżien u jecc ijsib li sata jieħu dota acbar jeŭ mara li għandha ankas fumi jeŭ li tgħaddi bla sefturi, jeŭ li ma tħobbx tmur festi mischina int għaliex tara il kamar f'il bir b'it-tghemghim u il gdiedem tiegħu u billi imkar jecc trid tixtri il bżar għal borma trid titolbu is-sitt ħabbiet, trid tħehmu għal fejn, u trid tagħmillu il cont seŭŭa ħaġa b'ħaġa is-sitt ħabbiet bżar ta' kabel chemm serviet u f'hiex daħlet; u okgħod sgura li dejjem ŭara dana collu jispiċċa biex ijchemmex xuftejh u jgħidlec: « Għoddcom gibtuni bħal kasba tixxejjer f'ir-riħ, dejjem tridu ma tibżgħu għal xejn, » bħalli chiecu il familja timla żakkha b'ir-riħ jeŭ tinchesa b'il gazzetti. Għaldakstant ingħidlec ma'l Mantegazza għaliex nixtieklec il gid u nixtiek narac ħienja ħafna «*Bambinuccia mia non sposare un uomo avaro.* » Aħrab m'il għadma ta'l faraboj !

Ix-xeħħa hi ŭaħda m'il icreħ draŭŭiet ta'l bniedem bħal ma kal Mantegazza u għalhecc hi magħduda fost id-dnubiet m'il Cnisja tagħna. « *L'avarizia è fra le passioni umane una delle più abbiette e che spande in più largo giro la sua influenza triste; un'influenza che raffredda, isterilisce e mummifica tutto ciò che tocca. Passione rachitica, anemica, schifosa, che spegne tutte le fiamme della poesia; un'atrofia cronica e volontaria del cuore, dei muscoli e del cervello; un asfissia lenta, che nel nido della famiglia semina le muffe e coltiva tutte le lebbre morali spirituali e estetiche;* u jispiċċa jgħid: « Figliuola mia non sposare mai un uomo avaro.» U it-tŭiddiba tiegħu naħseb li tisŭa actar minn tiegħi u għalhecc għa'l-lum inħallicom biha.

Lucija Levanzin Inglott.

(*Jissoctaŭ*).

# Il Mistoksija oht il Gherf.

**Lil G. Z.** (Naxxar).

IL ĠUĦ JEŬ IL GĦATX THOSSHOM F'MOĦĦOC u m'hux f 'ħalkec. Meta tniggħeż sebgħec jeŭ tati dakka ta' martell fuku jeŭ iddaħħal ħgieġa f 'kiegħ siekec il ŭeġgħa ma tcunx kiegħed thossha f 'idec jeŭ f 'siekec iżda f 'moħħoc. Aħna ucoll ingħidu li tħobb b'kalbec jeŭ tagħli b'kalbec; din hi ħmerija cbira għaliex il kalb la tħobb u lankas tagħli u col- lox ijsir f 'il moħħ għaliex il moħħ hu maħluk biex ijħoss collox. Il ġuħ u il għatx huma gejjin m'id-demm billi da- na tonksu xi ħaġa li minngħajrha ma jcunx jista jsakki u jagħlef il gisem chif ijcun hemm ħtieġa u għalhecc javża il moħħ u dana jgigħel il gisem li jħoss il bżonn li jdaħħal fih ħŭejjeġ *solidi* (jebsin) jecc ijcun ġuħ u *liqŭidi* (maħlulin) jecc ijcun għatx. Mela sa chemm id-demm ma jonksu xejn u la inħossu ġuħ u l-ankas għatx. L-*aptit* ma għandux x'jak- sam m'al ġuħ u huma żeŭġ ħŭejjeġ differenti għaliex l-ap- tit hu ix-xeŭka li jcollhom is-sensi li jieħdu pjacir. Bħal ma il ŭidna tieħu gost tisma musica ħelŭa u il għajn tara xi ħaġa sabiħa hecc ucoll il *palat* jieħu gost ijtigħem xi ħaġa tajjba u dina ix-xeŭka hi l-*aptit* u għalhecc ma għandhiex x'taksam ma'l bżonn ta'd-demm. Tista taksam biss billi tmixxina biex niggustaŭ dac li għandu l-actar bżonn il gisem u allura jsir aptit kaŭŭi li jissejjaħ « *leblieba.* »

**L'is-Sinjurina P. S.** (Il Belt).

META TIEĦU IL BANJU dejjem itfa fih ftit buraċ ħalli trattab l-ilma u il gilda issirlec bellusija, u kabda melħ ta'l mejda biex b'il cloru li fih tneħħi it-tbajja collha li jcolloc f 'il gilda u tbajjadha. L-aħjar sapun għal banju hu il Ca- stiljan abjad għaliex ma fihx soder, jeŭ l-*Oatmeal Soap*, jeŭ xi sapun ieħor fin bħal *Pears* jeŭ *Vinolia*. Il *Cuticura* hu taj- jeb ħafna ucoll. Katt tuża sapun ordinarju għaliex b'is-soder li jcun fih ijgħarraklec il gilda malajr. F'il WOMAN'S LIFE krajt dan l-aħħar li « *The daily bath is the finest method of beautifying known* » igifieri li għal ġmiel ma hemmx ħaġa aħjar m'il banju ta' culi jum u hecc hu. (L. L. I.)

**Lil C. M.** (Sliema).

BIEX L-IRKAD JAGĦMILLEC IL GID F'SAĦĦTEC U TORKOD SEŬŬA agħmel dan li sejjer ingħidlec :—

(1). Orkod chemm tista cmieni f 'il għaxija u f 'il għodu kum chemm tista cmieni.

(2). Katt tmur torkod bl-istoncu tiegħec mimli u l-aħjar ŭara iċ-cena agħmel passiġġata ta' nofs siegħa.

(3). Tixrobx spiriti, imbit, birra, caffè jeŭ te f 'il għa- xija iżda ħalib jeŭ cicculata.

(4). Orkod b'it-tieka miftuħa ħalli tiġri l-arja il-lejl collu f 'il camra.

(5). Orkod fuk mitraħ jebes.

(6). Tgħatta ħafif chemm tista.

(7). Orkod bla mħadda jeŭ b'imħadda baxxa ħafna.

(8). Jecc tista orkod b'ŭiċċec il fuk u b'dirgħajc mitfugħa ŭara rasec; jecc ma tistax għax toħlom icreħ orkod dejjem fuk in-naħħa ta'l-jemin ħalli ma tħassarx l-ichel.

(9). Jecc tista orkod ŭaħdec f 'il camra u kejs li katt ma torkod ma' ħaddieħor f 'is-sodda għaliex ħażin ħafna għa's- saħħa; u kis li katt ma trakkad it-tfal għaliex tiffjaccalhom in-nervi.

(10). Katt torkod b'id-daŭl mixgħul għaliex jixrobloc l-os- sigenu.

(11). Katt trakkad fjuri jeŭ ksari f 'il camra għaliex b'il- lejl jitfgħulec l-acidu carbonicu u jieħdulec l-ossigenu.

(12). Malli tistembaħ akbeż m'is-sodda u tokgħodx tix- xaħxaħ.

(13). Katt torkod actar minn tmien siegħat.

(14). Siegħa f 'nofs inhar ŭara l-ichel, jecc tcun għajjien, tagħmel tajjeb.

(15). Katt takra f 'is-sodda.

(16). Biddel dejjem ħŭejjeġ oħra għa's-sodda.

(17). Akbeż daks tliet mitt darba fuk ponot subgħajc ta' sakajc kabel tidħol f 'is-sodda.

**Lil G. G.** (Ir-Rabat).

IVA, ĦAŻIN ĦAFNA LI THALLI L-ULIEDEC IJKAX- XRU IT-TUFFIĦ JEŬ IL-LARINĠ BI SNIENHOM, għa- liex barra milli hi ħaġa m'hux xierka, daŭc it-tbajja suŭed li tara fuk il koxra ta' dana il frott huma collha migimgħa ta' microbi li meta jidħlu f 'il pulmuni jatu is-sogħla jeŭ mar- dijiet oħra. Hecc ijgħid il Professur Ischamer ta' Gratz ŭara ħafna studji li għamel fuk dina il ħaġa, u la aħna f 'il cliem katt tieclu il frott kabel tlaħilħuh tajjeb għal darba, tnejn għaliex ijcun mimli għabra bla ma tintebħu u f 'il għabra hemm dejjem jittajjru miljuni u miljuni ta' microbi ta' cull xorta ta' mardijiet.

## SFORJA TA'L PAPIET.

XLII.

## S. INNOCENZU I.

**Saltan għal ħmistax il sena, xaħrejn u għoxrin jum. Laħak f'is-sena 402 u miet f'is-sena 417.**

Minn Alba f 'il Piemonte jeŭ minn Albanu fejn Ruma u bin Innocenzu. Chien djaconu ta' S. Damasu. Fi żmienu il Bar- bari imsejjħin Goti, ħadu, taħt Alaricu, Ruma. Għad li dana ħalla il Papa bla ma ħakru iżda il Papa ħabrec ħafna biex sabbar l'ir-Rumani m'il jasar li ŭakgħu fih taħt daŭna il ġnus salvaġġi. Ħadha bi ħrara cbira contra l-eresija ta' Pelaġju, patri ingliż, u gie imfaħħar minn ħafna għal tjubitu, għal għerfu u għal-ligijiet xierka li għamel u fosthom minn Santu Ŭistin u minn San Prosperu.

## LOGHOB.

It-tifsira ta't-Taħbil-il-Moħħ ta'l gimgħa l-oħra hu dan :

Lippu l-armel—Missier Ġanni,
Chien iżżeŭŭeġ—il Mananni.
Daŭna chellhom—tifla, Censa,
Illi chienet—tigi oħt Ġanni.
Paŭla l-armla—omm Mananni,
Chienet ħadet—b'żeŭgħa il Ġanni,
U daŭn chellhom—tifel, Peppi,
Li chien jigi—hu Mananni.
Mela Peppi—jgħid « zi » il Censa
Għaliex hu—bin ħuha Ġanni.
Censa il Peppi—tgħidlu « ziju »
Għaliex hija—bint Mananni.
Il praspura—dina hija
Fhimtha jien—

D. CACHIA.

### TAHBIL IL MOHH.

1. 2. 3. 4. 5. 6. 7. 8. 9. 0.

Għaxra huma : kiegħidhom chif trid basta tieħodhom darba biss u agħmel minnhom 100.

S.

Min hu marid bl-ANEMIJA (nakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu



**L' ELIXIR**

**TA' S. VINCENS DE PAOLI**

Is-Sur G. Muscat ūara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaūūi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaūūija. Daūna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaūħ fukhom stess jeū fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

**267, STRADA REALE.**

## GHA'N = NERVUSI !

Meta tħossoc għajjien, kalbec seūda, nifsec maktugħ, bla rkad u bla aptit, tisħon għal xejn; meta tara collox icreħ, cullħadd joboghdoc, collox imgħaūūeġ f'il ħajja u tibchi jeū tidħak għal xejn b'xejn ijcolloc dic il marda li jsejjħulha

**NEVRASTENIJA**

u jecc tasseū hemm medicina li tista tfejjakha jeū li tagħmillec ħafna gid hi

## L=ANTINEVROTICU

TA'L

**Prof: DE GIOVANNI**

li chiteb l-isbaħ opra fuk dina il marda, u li giet imfaħħra ħafna m'il aħjar tobba ta'l Italja. Timbiegħ fi fliexchen għand

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

ta' kuddiem il Club ta' Strada Rjali ta'l Belt.

IPPRUVAUHA! GID TISTA TAGHMEL BISS.

# BRITANNIA

STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Ghodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgha, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

INJAM

**ta'l ahmar, ta'l abjat, u ta'l caūba.**

**Collox m'il irhas u m'il ahjar.**

BRITANNIA

SCOLA TA'T-TIFSIL.

Fi Strada Reale, numru 32, f'Birchircara, infetħet Scola ġdida ta't-tifsil għa'r-rġiel u għa'n-nisa, collox fuk l-arti ta'l geometrija. Min ijrid jitgħallem ijmur għand il PROF: VINCENZO GRECH li gie ippremjat minn Accademji ta' Londra Parigi u Torino billi jaf ijfassal ħafna. Il ħinijiet huma m'it-8 ta' f'il għodu sa't-8 ta' f'il għaxija. Jbiegħ ucoll mudelli għal l-ilbiesi ta' rgiel u ta' nisa bi prezzijiet irħas.

IS-SAHHAR FALZUN

Billi dana ir-romanz patriu-originali intgħoġob ūisk u ħafna li ma chienux imsieħbin f 'in-« Naħla » xtieku jakraūħ, dalūakt toħroġ fi ctieb l-eūūel taksima. It-tieni taksima tibda tidher ma iddumx f'in-« Naħla » u m'hux sgur li ūara toħroġ ucoll fi ctieb jecc l-eūūel taksima ma tinbiegħx collha.

# Tridu tfieku f'kasir zmien u b'nefka zghira m'id=

# DIABETE ?

## Biex ma jibdielcomx uzau m'il actar fis il

# FERMENTIN

## li hu imfahhar hafna, chif hakku, m'il ahjar tobba.

Jinbigh il Belt fl-Ispizzeriji:— ta's-Sur A. Cumbo, Strada Rjali, 26; ta's-Sur Fabriz Borg, Sda Rjali, Nru. 267; ta's-Sur Fred Gera, Sda S. Giovanni, Nru. 4; ta's-Sur Stilon, Sda Rjali, Nru. 245; u f'St: Paul's Pharmacy, Sda S. Paolo, Nru. 277. Bormla ghand l-Ispizzjar G. Farrugia, Sda S. Paolo u Hal Kormi ghand l-Ispizzjari Nicola Spiteri u G'anni Gatt.

**Morru ghand l-Agent Morina ta' Strada Rjali ta'l Belt biex jaticom ctieb B'XEJN b'ic-certificati.**

**FLUS! FLUS! FLUS!**

Min ijrid jixtri jeŭ ijbigħ titoli b'il premju jeŭ bl-imgħax, u l-actar ta'l **Ferrovia Turchia Europea, Credit Foncier, Croce Rossa** u oħrajn ijmur għand is-**Sur C. Bornaccini, Strada Forni, Nru. 87, il Belt**, cull jum barra m'il festi u il ħdud, m'it-tmienja sa nofsinhar, fejn jista jieħu ŭcoll cull informazzjoni oħra.

**SNIEN! SNIEN! SNIEN!**

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso** resak b'id-dar tiegħu actar l-isfel f'il Pjazza ta' Raħal Gdid u għalhecc issa jokgħod seŭŭa seŭ kuddiem il għajn. Cull min ijfittxu għal kliegħ jeŭ għa'x-xogħol ta's-snien barranin, li għalihom hu tant imfaħħar, ijsibu ŭara nofs inhar dejjem id-dar.

**Min ijcun ijrid jircanta xi hag'a u jrid jitlak-ha f'idejn seuua b'garanzija talli jcollu bi flus kiegh-din l-Anglo Egyptian Bank, u b'il ftehim li sa ju-mejn uara il bejgh ghandu jatic il flus, li jcunu dahlu u ma dana bi drittijiet l-actar moderati imur ghand**

# Is-Sur DIOMEDE AZZOPARDI

TA'

## STRADA RJALI, Nru: 10A. IL BELT,

**fejn ijsib ghal bejgh cull xorta ta' mobbli u fajjenzi, g'odda u seconda man, bi prezzijiet irhas tasseu.**

# Tè Ta Ceylon 'MARAVILLA'

IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI

TAD-DEHEB

GHAL

KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU

JINBIEGH 1/6 & 1/8 IR-RATAL

GHAND L'AGENTI F'MALTA




## C. CAMILLERI & SONS

## 50 STR. MERCANTI IL BELT




CAMPIUNI TA DAN IT-TÈ JINTGHATAU B'XEIN.

BL. BY FORMOSA.


**In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn ijsir ucoll cull xorta ta' xoghol ta' stampa b'ir-rekka collha u bi prezzijiet irhas ferm.**